MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Numru 555/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**vs**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputezzjoni dedotti kontra l-imputat Joseph Borg 40 sena, imwielded B'Kara, fis-17 ta' Jannar 1961, bin Joseph u Mary xebba Borg, joqghod 'Olive Court' Flat 7, Vjal ir-Rahal, San Gwann u bin-numru tal-karta ta' l-identita 69661M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer bejn il-25 ta' April 1998 u d-9 ta' April 1999 b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi

u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala ditentur tal-fond 'Sunny Bar' numru 101/102, Pjazza San Frangisk B'Kara jew bhala persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent eletriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond liema serq jammonta ghal LM 316.16c5 ghad-dannu tac-Chairman Enemalta Corporation liema serq hu aggravat bil-hin, valur u mezz.

W aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara volontarja fil-makinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku.

W aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

W aktar talli sar recidiv b'zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fl-24 ta' April 1997 (Awla 4) u fit-23 ta' April 1997 (Awla 6) liema sentenzi huma defenitivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jametti l-akkuzi fuq liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni kontra l-imputat tirrigwarda serq ta' kurrent elettriku u hsara fil-meter l-Artikolu 264 u 326 tal-Kap 9.

Mill-provi jirrisulta li l-irregolaritajiet fil-meter kienu jikkonsistu: fil-vit ta' fuq li kien imqaccat; b'toqba fil-meter li kienet perforata; fis-sigill ta' fuq tal-meter li kien miksur.

Issa l-imputat ammetta l-akkuza u l-ammissjoni tieghu hi wahda volontarja u nkondizjonata.

Stante din l-ammissjoni l-Qorti ser tghaddi biex tinfliggi l-piena.

Rat l-Artikolu 261(b), 264, 267, 279, 280, 49, 50 u 533 tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u qeghdha ghalhekk tilliberah taht dan l-Artikolu bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor f'perjodu ta' sena mill-lum.

Tikkundannah ihallas LM 316 lill-parti dammegjata entro 6 xhur mill-lum u wkoll li jhallas lir-Registratur ta' dawn il-Qrati l-ispejjez kollha inkorsi fin-nomina tal-esperti nominati fl-inkjesta u dan zmien xahar minn meta jigu notifikati lilu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------